# Minuti tat-Tlieta u Sittin laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Nadur
# Nhar it-Tlieta, 5 t' April 2011 fis-7: 30 p.m.

Preżenti:-

| | |
|---|---|
| Miriam Portelli | Sindku |
| Charles Said | Viċi Sindku |
| Jonathan Buttigieg | Kunsillier |
| Rita Mifsud | Kunsillier |
| *Rita Mifsud Attard* | *Segretarju Eżekuttiv* |

Maria Natoli tinsab insiefra.

1. **Bidu tal-laqgħa.** Il-laqgħa bdiet b'talba u tmexxiet mis-Sindku Miriam Portelli.

2. **Approvazzjoni ta' Minuti.** Il-minuti tal-laqgħa numru 62 u minuti tal-laqgħa tal-lokalita' ġew approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċċjali.

3. **Laqgħa mal-Kummissjoni Kulturali.** Preżenti għall-laqgħa kien hemm Anton Said u Eucharist Camilleri mill-Kummissjoni Kulturali fi ħdan il-parroċċa. Din hija għaqda soċju religjuża li tgħin fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet u wirjiet tal-knisja kif ukoll ta' għaqdiet Nadurin. Huma offrew l-għajnuna tagħhom lill-Kunsill fl-attivitajiet tagħhom. Il-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi l-ftuh tal-wirja ta' ritratti dwar Dun Mikiel Attard fil-Bażilika tan-Nadur nhar it-Tlieta 19 t'April.

4. **Siġar.** Is-Segretarja għamlet rapport mal-pulizija dwar l-informazzjoni li wasal għand il-kunsill dwar il-vandaliżmu li sar fuq il-ħames siġar li tħawlu fi Triq it-Tiġrija.

5. **Konferenza ta' l-EDEN.** Nhar l-Erbgħa 6 ta' April delegazzjoni ta' 200 persuna minn pajjizi Ewropej ser jiġu n-Nadur fi Gnien il-Kunsill fis-7:00 ta' filgħaxija. Dawn huma rappreżentanti minn pajjizi rebbieħa tal-premju EDEN. In-Nadur huwa wieħed minn dawn il-postijiet li ngħata dan il-premju u għalhekk ser jiġu fir-raħal tagħna. Il-Kunsill ser jagħmel bibita żgħira għal dawn il-persuni ser ikun hemm preżenti l-Onor. Chris Said. Is-Sindku talbet il-preżenza tal-kunsilliera waqt din l-attivita.

6. **Kunċert fi Teatru MBC.** Nħar is-Sibt 16 t'April ser issir il-Kunċert minn Mark Andrew Tabone "Elvis His Music Lives On". Il-Kunsilliera ngħataw 5 biljetti kull wieħed għal dan il-kunċert.

7. **Triq ta' Said.** Il-Kunsill ħareġ il-kwotazzjonijiet inkonnessjoni max-xogħolijiet ta' gandott ta' l-ilma fi Triq ta' Said kif ukoll l-offerti ta' l-open skips. Dawn jagħlqu nħar it-Tnejn 25 t'April.

8. **Kuntratt Gbir ta' Skart Domestiku.** Il-Kunsill irċieva ittra ta' oġġezzjoni mingħand il-Kumpanija KIP dwar l-għoti ta' l-offerta lil Anthony Mercieca. Dan l-

oġġezzjoni ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. Għalhekk il-proċedura ta' l-għoti ta' l-offerti ġie sospiż.

9. **Triq Grunju.** Parti minn Triq Grunju ġiet resurfaced. Għandu jsir ix-xogħol meħtieġ ta' konkos (rampi, eċċ) mill-Kunsill.

10. **Korrispondenza.**

(2904) Memo 27/2011 dwar mistoqsija parlamentari numbru 24958
(2905) Acknowledgement minghand il-MEPA dwar sigar fil-Pjazza San Pietru u San Pawl
(2906) Ittra mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar l-Appraisal Report u Performance Bonus lis-Segretarju Ezekuttiv
(2907) Acknowledgement minghand Ministry for Resources and Rural Affairs is-sigar tal-Pjazza San Pietru u San Pawl
(2908) Ittra minghand l-Ufficcju tal-Kultura u informazzjoni dwar Business Breakfast
(2909) Ittra minghand Transport Malta dwar double yellow lines fi Triq Karlu Borg
(2910) E mail minghand il-MEUSAC dwar applikazzjoni 'European Agricultural fund for rural development under measure 313'
(2911) Ittra minghand is-Socjeta Filarmonika Mnarja dwar Nadur Song Festival
(2912) Ittra minghand KIP dwar tender no NLC08/2010- 'Tender for the collection of mixed household waste'
(2913) Ittra ta ringrazzjamnet minghand Dun Dumink Camilleri dwar il-fdalijiet ta' ajruplani
(2914) Memo 10/2010 fuq Skema dwar Progetti ta' energija alternattiva
(2915) Memo 25/2011 dwar mistoqsija parlamentari no.24447
(2916) E mail minghand Charlie Debono dwar insurance claim
(2917) Ittra minghand id-dipartiment ghal Eko-Ghawdex u Zvilupp Regjonali dwar Wied Bingemma
(2918) Ittra minghand id-dipartiment ghal Eko-Ghawdex u Zvilupp Regjonali dwar 'Financial assistance scheme for projects by Local Councils and administrative

11. **Xogħol ta' Restawr fis-Salib tal-Pjazza.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ix-xogħol ta' restawr tas-Salib. Dan kellu jitlesta sa l-aħħar ta' 2010. Peress li l-Kunsill kien qed jistenna l-permess tal-MEPA għal dan ix-xogħol ma setax jibda. Il-permess ħareġ fi Frar 2011 u għalhekk il-Kunsill talab permess sa l-aħħar ta' Mejju biex issir dan ir-restawr. Il-Dipartiment approva din it-talba.

12. **Ħamsin sena mit-Twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Dr. Joseph Bezzina f'isem in-National Archives Gozo Section. L-NAG talbet sabiex kull kunsill iħallas €65 biex issir sett bil-kulur ta' għoxrin kartolina bl-armi tal-belt, tal-lokalitajiet u tal-kommunitajiet kollha ta' Għawdex. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill tan-Nadur jieħu sehem f'din l-inizjattiva.

13. **European Agricultural Fund for Rural Development under Measure 313.** Il-Kunsill ġie informat mill-MEUSEC kif ukoll minn Daniele Fantechi li hemm call for proposals taħt il-Measure 313 Rural Development Programme for Malta (2007-2013). Il-Kunsill jista japplika għall-passaġġ tal-bajja ta' San Blas taħt din il-call. Il-Kunsilliera qablu ma din il-proposta. Il-perit Robert Grech għandu jagħmel update tal-bill of quantities li għandu l-Kunsill. Il-Kunsilliera approvaw ukoll li jsir survey ta' din it-triq sabiex il-perit ikun jista' jaħdem.

14. **Nadur Song Festival.** Il-Kunsill irċieva ittra mis-Soċjeta Filarmonika Mnarja dwar is-Song Festival li ser issir nhar is-Sibt 9 t'April fit-teatru MBC. Il-Kunsilliera qablu li l-Kunsill jixtri 20 biljett għal din is-serata u jingħataw 4 kull kunsillier.

15. **Triq il-Madonna ta' Lourdes.** Il-Kunsill irċieva ittra mingħand it-Transport Malta biex il-Kunsill jibgħat ritratti ta' 19 Triq il-Madonna ta' Lourdes fejn kien hemm talba biex isiru sinjali sofor.

16. **Insurance Claim.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Charlie Debono dwar l-ispejjes inkonnessjoni mal-applikazzjoni tal-insurance tiegħu tal-ħsarat li saru fil-karrozza tiegħu waqt il-maltempata nhar il-Gimgħa 18 ta' Frar. Hu qed jitlob €239.99. Il-Kunsill tkellem ma' rapprezentant tal-assigurazzjoni tiegħu u ġie avżat li dan mhux intitolat għaliex din il-ħsara saret waqt "Act of God". Barra minn hekk il-mera li kien hemm ma kienitx imwaħħla mill-Kunsill. Il-Kunsill mhux responsabbli għal din il-ħsara. Għandha tintbagħat risposta lil Charlie Debono.

17. **Eco Għawdex.** Il-Kunsill ġie informat mill-Ministeru għal Għawdex li ser jingħata is-somma ta' €67,690 għal proġett ta' Eco Għawdex. In-Nadur applika għal xogħolijiet fil-Wied Bingemma. Il-Perit Robert Grech għandu jlesti l-offerti inkonnessjoni ma dawn ix-xogħolijiet.

18. **Green MT.** Il-Kunsill irċieva email mingħand Joe Attard tal-Green MT wara li l-Kunsill kien bagħat diversi emails. Il-Kunsill qed jitlob li jiġi mwettaq dak li ġie mwejjed minnu, jiġifieri li jingħataw boroz griżi lill kull residenza fin-Nadur, li jingħataw bins ta' recycling lil bars u ristoranti tan-Nadur u li jsiru aktar recycling bins fil-lokalita. Joe Attard qal li l-kumpanija mhux tieħu assistenza mill-Gvern Centrali u għalhekk mhux pozizzjoni bhal issa li tagħti dawn l-affarijiet.

19. **Skatepark.** Il-Kunsill irċieva kopja tar-rapport tal-MEPA dwar l-applikazzjoni ta' skatepark. Dan ir-rapport ma kienx posittiv.

20. **Mayfair.** Ser issir il-Mayfair bejn is-6 u 8 ta' Mejju. Din l-attivita tiġi organizzata miż-żgħażagħ tal-Kunsill. Il-Gimgħa l-attivita ser issir fl-Iskola Primarja tan-Nadur u tibda b'attivita bil-kollaborazzjoni tat-Transport Malta li tinkludi dawra bir-roti u attivitajiet marbuta ma' road safety. Ser ikun hemm Story telling u filgħaxija ser tittella' l-musical "Annie" Il-Kunsill ser iħallas l-ispejjes tal-PA tal-musical "Annie". F'dan iż-żmien l-Għaqda Armar Triq Diċembru 13 is-soltu tagħmel fund raising bil-bejgħ tal-pjanti. Din ser tkun parti mill-Mayfair peress li din is-sena il-Mayfair ser tkun f'dawn il-ġranet. Ser ikun hemm ukoll bejgħ ta' kotba u demonstrations tat-tisjir kif ukoll kant u żfin minn talent lokali. Bħala special guest ser jiġi mistieden Ronald Briffa.

21. **Attivitajiet ta' l-Imnarja.** L-arċipriet Mons. Jimmy Xerri informa lis-Sindku li fis-26 ta' Gunju hemm il-festa tal-Corpus u għalhekk f'din il-ġurnata ma jistax ikun hemm il-wirja agrarja. Il-Kunsill għalhekk ser jorganizza l-wirja agrarja nhar is-Sibt u Ħadd 18 u 19 ta' Gunju. Il-Kunsill għandu jistieden lil Glen Vella bħala special guest fl-Ikla Tradizzjonali iżda għada mhux magħrufa d-data ta' l-ikla.

22. **YOGA.** Il-Kunsill ġie avviċinat minn persuna li jagħmel lezzjonijiet tal-YOGA. Hu jixtieq jagħmel kors fin-Nadur. Qed jitlob €55 lil kull persuna għall-għaxar lezzjonijiet. Lezzjonijiet ta' siegħa u nofs. Il-Kunsilliera qablu li toħroġ avviż sabiex naraw jekk hemmx interess li jiġi organizzat dan it-tip ta' kors.

23. **Riċiklaġġ.** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand Electro Waste Malta Ltd. dwar riċiklaġġ ta' ħwejjeġ u affarijiet elektroniċi. Is-Sindku u Segretarja għandhom jagħmlu appuntament ma' rapprezentant ta' din ill-kumpanija sabiex jiġi diskuss il-possibilita' li dan it-tip ta' riċiklaġġ jibda jsir fin-Nadur.

24. **Xogħlijiet fin-Nadur.** Qed ikompli x-xogħol tat-toroq taħt l-iskema tal-PPP. Sar ix-xogħol ta' resurfacing f'parti minn Triq ta' Grunju. Ix-xogħol fuq ir-restawr tas-Salib beda wkoll.

25. **Affarijiet oħra.** Charles Said talab sabiex tinbidel il-bankina ta' quddiem il-ħanut ta' Jason Buttigieg peress li din tiżloq. Is-Segretarja qalet li diġa għamlet din it-talba mad-dipartment tal-public works peress li dan il-ħanut jinsab fi triq arterjali.

26. **Kontijiet li ġew approvati**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10045 | Miriam Portelli | 206.01 | March Allowance |
| 10046 | Rita Mifsud Attard | 1532.57 | Salary & weekly Allow |
| 10047 | Employee 1 | 1133.55 | salary & weekly allowance |
| 10048 | Employee 2 | 1034.93 | Salary & Weekly Allowance |
| 10049 | CIR | 1244.66 | March 2011 |
| 10050 | Antonello Camilleri | 60.00 | Hilarious Dance |
| 10051 | Raymond Vella | 60.00 | Maskarati |
| 10052 | Janna Mizzi | 15.00 | costume |
| 10053 | Jacqueline Cardona | 15.00 | costume |
| 10054 | Venice Cassar Mejlak | 15.00 | costume |
| 10055 | Samantha Spiteri | 15.00 | costume |
| 10056 | Giorgianne Azzopardi | 15.00 | costume |
| 10057 | Thomas William Scerri | 15.00 | costume |
| 10058 | Sabrina Muscat | 15.00 | costume |
| 10059 | Anna Marie Mifsud | 15.00 | costume |
| 10060 | Chelsa Xuereb | 15.00 | Costume |
| 10061 | Christian Saliba | 100.00 | Dance |
| 10062 | Doris & Joe Bugeja | 250.00 | Dance |
| 10063 | Jennifer Attard | 88.00 | Dance |
| 10064 | Josephine Farrugia | 120.00 | Dance |
| 10065 | Marita Caruana | 150.00 | Dance |
| 10066 | Jennifer Attard | 15.00 | Animal costume |
| 10067 | Paul Mampolao | 125.00 | Maskeruni |
| 10068 | Jamie Camilleri | 70.00 | King Carnival |
| 10069 | Adonai Camilleri Cauchi | 300.00 | Karru |
| 10070 | Adonali Camilleri Cauchi | 300.00 | Karru |
| 10071 | Darren Pace | 300.00 | Karru |
| 10072 | Matthew Parnis | 30.00 | karru zghir |
| 10073 | Angelo Camilleri | 100.00 | karru zghir |
| 10074 | Joseph Saliba | 30.00 | karru zghir |
| 10075 | Fabian Xuereb | 50.00 | karru zghir |
| 10076 | Peter Paul Grech | 50.00 | karru zghir |
| 10077 | Luke Camilleri | 60.00 | Hilarious |
| 10078 | Brandon Zammit | 30.00 | karru zghir |
| 10079 | Mnarja Band Club | 540.00 | Participation in Carnival |
| 10080 | Glenn Curmi | 30.00 | Karru Zghir |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 10081 | Carmen Muscat | 15.00 | Kostum |
| 10082 | Fabian Xuereb | 50.00 | Karru Zghir |
| 10083 | void | void | void |
| 10084 | Saviour Meilak | 113.05 | public convenience March |
| 10085 | Saviour Sciberras | 588.00 | street sweeping, soft areas diesel |
| 10086 | Mary Attard | 52.74 | extra hours library |
| 10087 | Peter Paul Azzopardi | 1000.00 | Christmas Street decorations |
| 10088 | John Ivan Xuereb | 1182.00 | street sweeping & attendent |
| 10089 | Marthese Caruana | 133.75 | cleaning of office Feb-March |
| 10090 | Anthony Mercieca | 149.39 | bulky refuser March |
| 10091 | Richard Cauchi | 2882.06 | street lighting |
| 10092 | Pro Stage Sound | 200.00 | PA system Carnival |
| 10093 | Maryanne Cauchi | 547.00 | rent of garage |
| 10094 | Galeacurmi Eng. Cons. Ltd. | 96.62 | contract manager March |
| 10095 | Rita Mifsud Attard | 552.00 | FECC & Charter payments |
| 10096 | Peter Paul Buttigieg | 144.00 | website updating |
| 10097 | Miriam Portelli | 102.60 | books for carnival participants |
| 10098 | Smart Office Supplies Ltd. | 8.68 | stationery |
| 10099 | PIN Publications | 100.00 | Kullana Kulturali |
| 10100 | Nadur Youngsters F.C. | 500.00 | tickets for Elvis |
| 10101 | Inserv | 40.69 | garbage bags |
| 10102 | Xaghra Historical Reenactment | 125.00 | Carnival participation |
| 10103 | Mary Rose Grima | 125.00 | March Elderly day centre |
| 10104 | Concetta Mifsud | 125.00 | March elderly day centre |
| 10105 | Gemma Zammit | 175.00 | March elderly day centre |
| 10106 | Anthony Mercieca | 2583.75 | street cleaning Carnival |
| 10107 | Michael Refalo | 2250.00 | mobile toilets Carnival |
| 10108 | Wasteserv Malta Ltd. | 2363.78 | dumping fees |
| 10109 | Gozo Bubbles Entertainment | 177.00 | Children’s Carnival |
| 10110 | JCR Ltd. | 37.23 | material for paving |
| 10111 | GO plc | 199.19 | telephone & fax lines |
| 10112 | Commissioner of Police | 238.81 | extra police Carnival |
| 10113 | P&J Debono Con. Ltd | 962.03 | 2 speed humps |
| 10114 | Joseph Camilleri | 28.33 | operating materials |
| 10115 | Peter Paul Azzopardi | 64.00 | hire of hi up for tree pruning |
| 10116 | Gozo Express Services | 24.78 | courier service |
| 10117 | Michno Lighting | 177.00 | Miss Queen Carnival light system |
| 10118 | Galea Curmi Eng. Cons. Ltd. | 196.82 | photovoltaic application |
| 10119 | Segretarju Permanent IPM | 100.00 | adverts |
| 10120 | Joe Mifsud | 129.20 | February Parks & Gardens |
| 10121 | APS Bank | 2500.00 | transfer to APS Bank (to pay bank loan) |
| | **Total** | **29,184.22** | |

Il-laqgħa ntemmet fid-9:15 p.m. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 25 t’April fis-7:30 p.m.